VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,482, 6 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 318 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali 84 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies – M.A. (Dip.St.) - taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies

VERŻJONI ELETTRONIKA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies – M.A. (Dip.St.) - taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies – M.A. (Dip.St.);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies– M.A. (Dip.St.);

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Diplomatic Studies – P.G.Dip. (Dip.St.); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal dawk l-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri mill-Università ta' Malta jew grad rikonoxxut mis-Senat bħala ekwivalenti f'wieħed minn dawn l-oqsma: ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, il-Liġi, l-Istorja, l-Ekonomija, Ix-Xjenza Politika, l-Istudji Ewropej u d-Diplomazija, jew kwalunkwe qasam ieħor relatat kif approvat mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."